Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 263/2010

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Eurolinx Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta` ntimata ghall-hlas tas-somma ta' hamest elef, seba' mija u wiehed u ghoxrin Euro u erbgha u tletin centezmu ta' Euro, (€5,721.34), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta` attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti provduti lilha abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (vide rendikonti hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. A', 'Dok. B', 'Dok. C',u 'Dok. D');**

**Illi ghalkemm giet interpellata diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, is-socjeta` ntimata baqghet inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum;**

**Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru u bl-imghax legali mid-data ta' dan ir-rikors sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` ntimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex is-socjeta` ntimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' ntimata naqset u ma dehritx, la fit-22 ta' Frar tas-sena 2011 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta` ntimata Eurolinx Limited sabiex ihallas is-somma ta' hamest elef, seba' mija u wiehed u ghoxrin Ewro u erbgha u tletin centezmu ta' Euro, (€5,721.34), lis-socjeta` rikorrenti Vodafone Malta Limited;**

**Bl-ispejjez kif dedotti kontra s-socjeta` ntimata Eurolinx Limited.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------